

## Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Prosima Comercial, SA
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva PROSIMA PROSIMA COMERCIAL S.A. għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 6, 7, 11, 16, 17, 20, 22, 35-39, 41 u 42 — Applikazzjoni Nru 2423176
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Promat GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark verbali Promina għal prodotti fil-klassi 7 — Trade mark Ġermaniża Nru 847011
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Promat GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Lulju 2009 — Il-Kummssjoni vs Atlantic Energy**

**(Kawża T-182/08)**

“Klawżola ta’ arbitraġġ — Kuntratt ta’ għajjnuna finanzjarja konkluż fil-kuntest ta’ programm spċifiku fil-qasam tal-enerġija mhux nukleari — Nuqqas ta’ osservanza tal-kuntratt — Rimbors ta’ somom imħallsa bil-quddiem — Tpaċċija legali — Proċedura fil-kontumaċċja”

1. *Proċedura — Kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ (Artikolu 238 KE) (ara l-punti 50-69)*
  
2. *Proċedura — Kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ — Stħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni ta' tpaċċija extraġudizzjarja bejn debiti u krediti adottata mill-Kummissjoni abbażi tar-Regolament Nru 1605/2002 — Esklużjoni (Artikoli 230 KE u 238 KE) (ara l-punt 70)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 238 KE sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata tirrimborsa ħlas bil-quddiem min-naħħa tal-Komunità Ewropea, flimkien mal-interessi, fil-kuntest tal-kuntratt BU 183/95 UK/AT.

## Dispożittiv

- 1) Atlantic Energy Ltd hija kkundannata tirrimborsa lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej is-somma ta' EUR 226 010, flimkien mal-interessi previsti fl-Artikolu 23.1 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt BU 183/95 UK/AT għall-perijodi inklużi, minn naħħa, bejn l-1 ta' Ġunju 1996 u t-28 ta' Frar 2002 u, min-naħħa l-oħra, bejn is-16 ta' Lulju 2002 u l-31 ta' Mejju 2008, u mnaqqsa mis-somma ta' EUR 3 610.53, fejn din is-somma finali nnifisha kienet tinkludi l-interessi previsti fl-Artikolu 23.1 tal-kundizzjonijiet ġenerali ċċitat iktar 'il fuq mill-1 ta' Ġunju 2008 sal-ħlas kollu tad-debitu.
  
- 2) Atlantic Energy hija kkundannata għall-ispejjeż.